SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

F'Novembru 2023 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2024-2025. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għat-Tieni Sena Kindergarten.

## Postijiet għas-Subien tat-Tieni Sena Kindergarten Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien mainstream huwa ta' erbgħa u sebgħin (74) post. F'żewġ skejjel partikulari kelna aktar applikanti milli postijiet fil-mainstream allura nbidlu tlett postijiet minn Każijiet Soċjali u tal-Ażil għal mainstream. Allura t-total ta' postijiet mainstream jitla għal sebgħa u sebgħin 77 (74+3=77).

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 5 |
| *1ċ Aħwa* | 20 |
| ***Total*** | **25** |

Irċevejna ukoll żewġ applikazzjonijiet għal transfer fi skejjel tal-istess entita' reliġjuża. Dawn il-postijiet ma jitnaqqsux mit-total għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skejjel oħra, iħallu post fl-iskejjel fejn jattendu. Dawn mhux inklużi fit-tabella ta' hawn fuq.

## Postijiet għas-Subien tat-Tieni Sena Kindergarten li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għal subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 6 postijiet. Peró kelna żewġ applikazzjonijiet fi skejjel fejn ma kienx hemm postijiet vakanti għal subien bis-sapport. Għalhekk post minn tal-bniet bl-għajnuna tal-LSE inbidel f'post bil-għajnuna għas-subien fi skola u fi skola oħra post tas-subien bis-sapport inbidel f'post tal-bniet mainstream. Post tal-Ażil nbidel f'post għal tifel bis-sapport (6+2-1=7).

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 1 |
| ***Total*** | **3** |

**Subien tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet Soċjali**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien każijiet soċjali huwa ta' żewġ (2) postijiet. Post minn dawn inqaleb mainstream biex jiġu aċċetati l-aħwa tal-ewwel kriterju. Għalhekk jifdal post wieħed. Ma rċevejna l-ebda każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

**Subien tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet tal-Ażil**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien każijiet tal-ażil huwa ta' erba' (4) postijiet. Żewġ postijiet minn dawn inqalbu mainstream u ieħor f'każ bis-sapport biex jiġu aċċetati l-aħwa tal-ewwel kriterju. Għalhekk jifdal post wieħed. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

## Postijiet għal Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten *Mainstream*

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' tlett mitt post u wieħed (301). Fi skola partikulari kellna żewġ applikazzjonijiet tal-aħwa aktar milli kellna postijiet għalhekk post mill-Każijiet bis-sapport u post tal-Ażil inbiddlu f'postijiet mainstream. Post ieħor bis-sapport inbiddel f'mainstream sabiex ikun jista jiġi aċċetat tifel bis-sapport. Hekk it-total jiġi tlett mija u erba' (301+3=304) postijiet.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 27 |
| *1ċ Aħwa* | 111 |
| *1ġ Tfal tal-impjegati fi skola oħra* | 14 |
| ***Total*** | **152** |

Applikanta talbet trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Din ma titnaqqasx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se tokkupa post fi skola se tħalli post vakanti fl-iskola fejn tattendi. Din mhux inkluża fit-tabella ta' hawn fuq.

## Postijiet għal Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għal-bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 31 post. Post tal-Każijiet bis-sapport inqaleb f'mainstream. Waqt li post ieħor bniet bis-sapport inqaleb għal tifel bis-sapport. Għalhekk it-total ta' postijiet għal-bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E huwa ta' 29 (31-2=29).

Kelna applikazzjoni ta' Impjegata fl-istess skola u applikazzjoni tal-aħwa.

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt

**Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet Soċjali**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena Kindergarten bniet każijiet soċjali huwa ta' tmien (8) postijiet. Post inqaleb f'mainstream biex jiġu aċċetati l-aħwa tal-ewwel kriterju. Għalhekk postijiet vakanti jibqa sebgħa (7). Ma rċevejna l-ebda każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

**Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet tal-Ażil**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena Kindergarten bniet każijiet tal-ażil huwa ta' sitt (6) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

## Konklużjoni

Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet tas-subien u tal-bniet: *mainstream*, bis-sapport, soċjali u tal-ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Jekk ħuthom ikunu applikaw f'livelli ogħla u nkitbu fi skola, iż-żgħar ikunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha kkonċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2024**

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt